HAL BALZAN

IS-SEBA' SENA NRU. 37. SETTEMBRU/OTTUBRU 1977

EDITORJAL

PITTURA, ŻEBGĦA, U BALAVOSTRI

F'din l-ewwel ħarġa ta' wara l-festa titulari, ta' min jagħmel xi osservazzjonijiet f'waqtħom li ma jistgħux ma jħallux il-ġid mixtieq ħalli, jekk Alla jrid, il-festa tas-sena li ġejja tħalli impressjoni aħjar fost dawk il-barranin li jiġu għaliha. Ħadd ma jista' jiċħad li l-festa ta' din is-sena reġgħet kienet waħda mill-kbar, li tabilħaqq tixraq lill-Madonna u li tħabbatha fil-wisa' mal-festi ta' rħula oħra, ukoll akbar minna. Għalhekk mhux se noqogħdu nintilfu fuq baned u ċerimonji u ħwejjeġ oħra tal-festa li jsiru minn sena għal sena u li huma parti mill-festa Maltija. Se nsemmu xi ħwejjeġ ġodda li mdorrijin naraw jiżżanżnu kull sena fil-knisja tagħna u fuq xi opri oħra li hemm bżonn isiru.

Nibdew mill-pittura. Din is-sena, għall-festa titulari, il-Prof. Emvin Cremona żanżan il-pittura tal-koppletta tal-Kappellun tar-Rużarju. Il-Balzanin konna ilna nistennewha. Fl-aħħar waslet, u mill-kummenti li smajna jidher li l-poplu, fil-maġġoranza tiegħu, ħareġ sodisfatt. Imma issa nittamaw li x-xogħol ma jiqafx hawn jew jimxi b'pass ta' nemla. Nittamaw li sew il-Kappillan kif ukoll il-Kumitat tal-Pittura jkomplu jaħdmu u jistinkaw ħalli għall-festa tas-sena d-dieħla jkollna l-kappellun kollu lest, u dak l-armar jitnizżel minn hemm darba għal dejjem.

L-istess ħaġa ngħidu għaż-żebgħa tal-knisja. Tliet snin u nofs ilu, fl-1974, inżebagħ u ġie ndurat il-Kor, biex warajh titkompla l-bqija tal-knisja. Iżda bdejna bil-kor, u bqajna bih biss! X'inhi r-raġuni li għaliha x-xogħol waqaf hekk ħesrem? Iż-żebgħa kienet inxtrat u l-ħadid u t-tavlar għall-armar kien inxtara wkoll. Issa jiġri li meta tiġi biex tkompli tinżebaħ il-knisja, il-kor diġà jkun beda bħal jeqdiem. Nagħmlu appell lill-irġiel u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa sabiex joffru mqar ftit mill-ħin liberu tagħhom u jmiddu jdejhom ħalli dan ix-xogħol jitkompla. Nittamaw li min hu responsabbli jieħu x-xogħol taż-żebgħa bis-serjetà sabiex il-knisja tagħna tieħu bixra għall-aħjar.

L-aħħar kelma tagħna hija dwar il-balavostri li kellhom isiru fuq il-bejt tal-knisja. Wara l-polemika li konna xandarna dwar dan is-suġġett fuq il-gazzetta tagħna daqs sena ilu, jidhrilna li ma għandna nżidu xejn iżjed, ħlief li hemm bżonn li din il-kwistjoni tinqata'. Jekk il-balavostri għandhom isiru, nagħmluhom, ġaladarba hemm il-flus għalihom. Però, kif ktibna drabi oħra, jidhrilna li qed noħolqu l-impressjoni li biex f'Ħal Balzan issir opra ġdida, iridu jgħaddu s-snin. U dan żgur li ma jiddependix mill-poplu, li minn dejjem kien ġeneruż għall-aħħar.

L-INDAFA FIT-TOROQ

Toroq indaf ifissru ambjent nadif, u dan jixhed poplu ċivilizzat. It-toroq tar-raħal tagħna huma toroq nodfa, u għalhekk Ħal Balzan dejjem kellu isem tajjeb u sa minn żmien ilu kien imfittex minn ħafna nies biex igħixu fih. Iżda xi kultant mhux ir-residenti kollha jifhmu l-importanza ta' l-indafa fit-toroq tagħna. Issib min, fis-satra tal-lejl, joħroġ jarmi barra oġġetti mqżieża li żgur ma jkunx iridhom wara biebu; issib oħrajn li jixħtu barra bċejjeċ ta' njam u ħadid li, billi jkunu kbar u tqal, ma jinġarrux minn tal-R.D.C. u allura jibqgħu hemm u jkerrhu triq. Dawn il-ħwejjeġ m'aħniex nivvintawhom, imma huma lmenti fuq fatti konkreti li ġraw fir-raħal tagħna. Lanqas m'hija ħaġa sabiħa li wieħed jipparkja l-karrozza nofsha fuq il-bankina u nofsha fit-triq, l-aktar issa li dieħla x-xitwa u l-bankini jintużaw min-nies aktar minn qabel, l-aktar wara xi ħalba xita. Ħaġa kerha wkoll hija li karozzi li ma jintużawx jitħallew jissaddu u jispiċċaw fit-toroq. Nittamaw li anke l-pulizija tieħu l-passi meħtieġa f'dan ir-rigward, sabiex Ħal Balzan jibqa' jgawdi l-isem sabiħ li dejjem kellu.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

IL-FESTA TITULARI


f'għajnejn l-emigranti Balzanin

Din is-sena wkoll, bħas-snin l-imgħoddija, għall-festa ta' Marija Annunzjata ma naqsux li jiġu fostna numru kbir ta' emigranti Balzanin li għażlu li jqattgħu l-vaganzi tagħhom f'Malta f'dawn il-jiem għeżież tal-festa ta' raħal twelidhom. Qabel ħallew Malta, aħna kellimniehom u ħadna l-impressjonijiet tagħhom dwar il-festa li għaddiet.

Edward Magro

Is-Sur Edward Magro, Balzani, emigrant fl-Awstralja, li kien għall-festa ta' raħal twelidu ta' din is-sena wara dsatax-il sena, qal li l-festa kienet verament suċċess minn kwalunkwe lat, sew il-festi ta' ġewwa l-knisja, kif ukoll il-festi ta' barra. Tant kien kommoss b'dak li ra li l-ferħ tiegħu espremieħ bid-dmugħ f'għajnejh. Għal dak li hu tiżjin ta' barra, impressjonah tassew. Hu qal li r-raħal huwa verament imżejjen sabiħ, b'mod speċjali t-tiżjin il-ġdid li sar fir-raħal kollu.

Miegħu, is-Sur Magro kellu ż-żewġ uliedu subien, Gerald ta' għaxar snin u Joseph ta' disa' snin. Dawn kienu verament "thrilled" fil-festa u ħadu tant gost biha. Il-knisja għoġbithom wisq u anke t-tiżjin ta' barra għoġobhom immensament. Tant ħadu gost li jixtiequ li xi darba oħra jerġgħu jarawha.



L-Artal tas-Ssmu. Kurċifiss li jinsab fil-Kappellun tan-naħa tal-lemin fil-Knisja Parrokkjali. Dwar il-bidu ta' dan l-artal, ir-Relikwija tal-"Vero Ligno", u xi festi marbutin miegħu, igħarrafna Dun Gwann Dimech fil-kitba tiegħu f'paġna 2.

M.C. Smith

Mrs. M.C. Smith kienet ma' ħutha Ħal Balzan għall-festa ta' dawn l-aħħar sentejn. L-impressjoni tagħha fuq dawn l-aħħar żewġ festi kienet li dawn kienu żewġ festi sbieħ ferm u li l-festa ta' din is-sena kienet aqwa minn tas-sena l-oħra. Hija qalet li l-festa ta' l-Annunzjata qed tiġi ċċelebrata aħjar ħafna minn dawk li kienu jsiru meta kienet għadha toqgħod hawn Malta, li hi ħalliet fl-1939 biex marret tgħix l-Ingilterra. Hija qalet li l-armar, sew fil-knisja u kemm fit-toroq, żdied ħafna u mressjonatha ħafna t-triq ta' quddiem il-knisja. It-tiżjin ta' din it-triq huwa "superb", kompliet tgħid, speċjalment meta l-vara tkun għaddejja minn qalb dawk il-pavaljuni sbieħ. Għoġobha ħafna l-marċ li jsir wara li tidħol il-purċissjoni. Hija qalet li dan il-marċ huwa brijuż ħafna u l-għors taż-żgħażagħ ikompli jallegrah. Spiċċat tgħid li l-festa ta' din is-sena kienet verament suċċess u tat il-prosit lill-organizzaturi kollha.

Anthony Borg

Is-Sur Anthony Borg, Balzani li emigra għall-Kanada tlettax-il sena ilu, irnexxielu jiġi jara l-festa tar-raħal li fih twieled wara li kien ilu ma jaraha għal dawn is-snin kollha. Huwa qal li din is-sena l-festa kienet waħda mill-aqwa festi li qatt ra f'ħajtu, jekk mhux l-aqwa waħda. Il-funzjonijiet tal-knisja kienu ferm sbieħ u organizzati tajjeb u għamel ħiltu biex ma jitlifx waħda. Rigward il-festi ta' barra u n-nar, sew ta' l-art u kemm ta' l-ajru, dawn kienu xi ħaġa bara mis-soltu. Huwa skanta bit-tiżjin li sab u qal li dan hu verament sabiħ. Huwa qal li t-toroq tar-raħal huma verament imżejnin tajjeb u jagħtu dehra verament sabiħa lir-raħal f'dawn il-jiem tal-festa.

Is-Sur Borg kellu miegħu lil bintu, is-sinjorina Pauline, li qalet li hija kienet verament sodisfatta li rat il-festa wara li kienet ilha ma taraha tlettax-il sena. Il-funzjonijiet tal-knisja kienu tassew ħaġa li fakkritha f'żgħożitha u ħadet verament pjaċir bihom. Għal dak li huma festi ta' barra, hija qalet li kienu verament sbieħ u l-marċi brijużi tant iqanqluk li tidħol fl-ispirtu tal-festa mingħajr ma trid, "b'mod speċjali bħali li kont ili nieqsa dawn is-snin kollha."

• ikompli f'paġna 4

BEBE

L-AQWA ĦANUT

GĦALL-ĦWEJJEĠ

TAT-TFAL

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

ĠUNJU 1977

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, fil-Museum tas-Subien saret laqgħa importanti għall-missirijiet u l-ommijiet tat-tfal li jattendu l-Museum. Dawn il-laqgħat jiġu organizzati minn żmien għal żmien sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-katekisti li jgħallmu 'l uliedhom u jiddiskutu xi problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom. Fl-aħħar tal-laqgħa ntwera film ikkummentat dwar il-mewt tal-fundatur tas-Soċjetà, il-mibki Dun Ġorġ Preca.

L-Ewwel Tqarbina tat-Tfal din is-sena saret nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju. Fl-4.30 p.m. beda l-korteo tat-tfal flimkien mal-ġenituri mill-Museum tas-Subien sal-Knisja Parrokkjali fejn, fil-5.00 p.m., saret il-Quddiesa. Wara, it-tfal ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Madonna tad-Duttrina.

Il-festa ta' Santa Rita ġiet iċċelebrata nhar is-7 ta' Ġunju. Fil-għodu saret quddiesa kantata u l-għasar fil-għaxija. Fis-6.30 p.m. saret quddiesa bil-priedka fuq Santa Rita, organizzata miċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika tan-Nisa.

Il-festi ta' Corpus u tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù saru nhar it-12 u d-19 ta' Ġunju rispettivament. Fihom ħadu sehem it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina bil-libsa tal-preċett, l-Għaqdiet u l-Każini, bil-bandalori u l-istandardi tagħhom, u l-poplu kollu ta' Ħal Balzan.

LULJU 1977

L-ewwel Ħadd ta' Lulju saret, bħas-snin l-imgħoddija, il-festa ta' San Valentinu Martri, ko-protettur tal-Parroċċa. Fil-festi esterni ħadet sehem il-Banda 'San Gabriel', u sar ukoll il-logħob tan-nar u s-solita tombla fuq iz-zuntier tal-knisja. Wara l-Barka, inħarġet min-niċċa għal ġol-knisja, fost id-daqq tal-qniepen u l-briju ta' għadd kbir ħafna ta' Balzanin, il-vara ta' Marija Annunzjata, u b'hekk ingħata bidu għall-festa titulari.

Din is-sena, nhar it-Tnejn u t-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa saru żewġ attivitajiet, u hekk nistgħu ngħidu li l-festa kienet mifruxa fuq ġimgħa sħiħa. It-Tnejn saret quddiesa folk għaż-żgħażagħ u t-tfal tal-Parroċċa, li fiha ħa sehem il-grupp tal-kitarri tal-Parroċċa, filwaqt li t-Tlieta sar 'pageant' fuq il-Lunzjata mill-Grupp "Żgħażagħ għall-Parroċċa" ta' Ħal Tarxien. Għall-ewwel darba wkoll, l-għasar tat-tlett ijiem tat-Tridu sar bil-Malti. Novità oħra kienet li flok l-għasar ta' lejlet il-festa sar Pontifikal Solenni Konċelebrat, immexxi mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Antonio Del Giudice, Nunzju Apostoliku. Għall-attivitajiet l-oħra tal-festa titulari, wieħed jista' jara l-programm dettaljat li deher fil-Ħarġa Speċjali ta' Lulju/Awissu.

AWISSU 1977

Nhar il-Ħadd, 28 t'Awissu, fuq Cable Radio ixxandret quddiesa mill-Parroċċa ta' Ħal Balzan. Qaddes il-Kappillan, il-Kan. Carmelo Sciberras, megħjun minn Dun Ġużepp Zammit.

ŻEWĠ ABBATINI MINN ĦAL BALZAN IMORRU L-VATIKAN

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-Parroċċa ta' Ħal Balzan reġa' kellha żewġ abbatini li marru jagħtu s-servizz liturġiku tagħhom fil-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan. Dawn iż-żewġ abbatini huma Michael Licari, viċi-prefett ta' l-abbatini, u Raymond Muscat, abbati ieħor mill-Parroċċa.

L-abbatini ħallew Malta nhar it-3 ta' Awissu, flimkien ma' tletin abbati ieħor minn diversi parroċċi f'Malta u Għawdex, u kienu akkumpanjati minn Dun Alwiġ Deguara, Direttur Nazzjonali, u Dun V. Cachia. L-abbatini, li reġgħu lura Malta nhar il-15 ta' Settembru, kellhom diversi ativitajiet u laqgħat interessanti kemm damu f'Ruma.

Minbarra x-xogħol normali tagħhom fil-Bażilka ta' San Pietru, l-abbatini żaru ħafna postijiet ta' interess, bħal knejjes u mużej, kif ukoll imkejjen oħra ta' rikreazzjoni. Huma ltaqgħu mal-Kardinal Marella, mal-Kavallieri ta' Malta, kif ukoll ma' diversi isqfijiet u personalitajiet oħra. Fuq kollox huma kienu ferħanin wisq li kienu daqshekk qrib tal-Papa Pawlu VI.

Aħna nifirħu liż-żewġ żgħażagħ Balzanin għal din ix-xorti li kellhom li ntgħażlu fost ħafna tfal oħra, u nawgurawlhom li l-memorji ta' din iż-żjara f'Ruma jibqgħu jiftakruhom.

IL-KNISJA PARROKKALI (25)

IL-KURCIFISS

Kif għedna d-darba l-oħra, meta l-Isqof David Cocco Palmieri kien żar il-Knisja Parrokkjali nhar l-20 ta' Settembru 1699, kien sab li fil-kappellun tan-naħa tal-lemin ta' min jidħol il-Knisja mill-bieb il-kbir kien jara: "artal imżejjen b'ornament tal-ġebel, iżda dan l artal ma għandux kwadru u lanqas hemm min jieħu ħsiebu." (1)

L Ewwel Artal tal-Kurċifiss

Għaxar snin wara, l-istess Isqof Cocco Palmieri għamel il-Viżta tiegħu lill-Knisja nhar l-20 ta' Mejju 1709 u jgħidilna li: "L-artal li kien mingħajr kwadru ġie issa b'mod proviżorju ddedikat lis-Santissmu Kurċifiss u għandu bħala prokuraturi lil Dun Marju Said u lil Dun Dumink Tonna." Skond din ir-relazzjoni, nafu li l-Kurċifiss kien kbir u li kien iserraħ fuq l-iskannel tal-ġebel ta' l-artal u li kien marbut mal-ħajt. Quddiem dan il-Kurċifiss kien hemm lampier. Iżda fl-istess Viżta, dan l-Isqof l-ewwel talab li dan il-Kurċifiss ikollu l-artal tiegħu fid-daħla tan-nofs tal-kappellun biex ikollu aktar spazju xieraq għall-funzjonijiet li soltu jsiru mis-sodalità ta' l-Agunija, kif ukoll talab li dan l-artal jiġi mżejjen b'ornamenti tal-ġebel biex ikun jixbaħ lill-artal tal-Madonna tar-Rużarju. It-tieni, dan l-Isqof mhux biss talab iżda ordna li: "dan ix-xogħol għandu jibda fi żmien xahar." (2)

L-artal tal-Kurċifiss fil-Kappellun Tiegħu

Seba' snin wara l-Viżta fuq imsemmija, insibu viżta oħra minn isqof ieħor, għaliex l-Isqof Cocco Palmieri kien miet nhar id-19 ta' Settembru 1711. L-Isqof il-ġdid, Mons. Jacobus Canaves, għamel l-ewwel viżta tiegħu lil din il-Knisja Parrokkjali nhar il-festa ta' l-Appostli San Xmun u San Ġuda, nhar it-28 ta' Ottubru 1716. Dwar dan l-artal igħidilna li l-artal għandu l-mensa ta' l-irħam, u fuq l-iskannell hemm Kurċifiss kbir. Madwaru, qalb l-iskultura, hemm ħmistax-il kwadru jiffiguraw il-Misterji tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, kif ukoll wieħed minnhom fih l-Aħħar Ċena. Isemmi wkoll li fuq il-bażi taż-żewġ kolonni li hemm fil-ġenb ta' l-artal hemm skolpiti żewġ armi ta' l-Isqof Cocco Palmieri. (3)

Ir-Relikwija tas-Salib (Il-"Vero Ligno")

Din ir-Relikwija tissemma għall-ewewl darba fil-Viżta li għamel lil dan l-artal l-Isqof Gaspar Gori Mancini nhar is-16 ta' Mejju 1723, fejn, wara li semma li laqtuh ħafna l-kwadri tal-Passjoni u dak ta' l-Aħħar Ċena madwar il-Kurċifiss, laqtitu ħafna r-Relikwija tal-"-Vero Ligno" li sab esposta fuq l-artal. (4)

Iżda dwar din ir-Relikwija naqraw aktar fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof Alpheran De Bussan li għamel nhar is-6 ta' Diċembru 1729. Nafu li dan l-Isqof mar quddiem dan l-artal tal-Kurċifiss, niżel għarkobbtejh u nċensa r-Relikwija tas-Salib Imqaddes. Insibu wkoll li din ir-Relikwija tal-"Vero Ligno" qiegħda f'teka ta' l-injam elaborat ħafna u ndurata. (5)

Seba' snin wara, l-Isqof Alpheran reġa' ġie jagħmel Viżta oħra lill-Knisja u fir-relazzjoni ħalla aktar deskrizzjoni dwar ir-Relikwija, fejn qalilna li: "Ir-Relikwija tas-Ssmu Salib qiegħda ġo salib żgħir tal-fidda, imdawra minn ornamenti ndurati. Din ir-Relikwija hi miżmuma ġo teka ta' l-injam kollha skultura u ndurata. Minn ġewwa hi miksija bil-bellus aħmar u hi mħarsa minn grada tal-ħadid li din ukoll hi ndurata. Wara din il-grada hemm ħġieġa wkoll. Din it-teka qiegħda fuq l-iskannell ta' l-artal, għandha ċavetta waħda li tinżamm mill-Kappillan. (6)

> **SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN**
> Tiftix u kitba ta'
> DUN ĠWANN DIMECH

Xbiħat tal-Madonna u ta' San Ġwann

Nhar is-6 ta' Diċembru 1729, l-Isqof Alpheran, kif ġa rajna qabel, kien mar quddiem l-Artal tas-Ssmu. Kurċifiss. F'dik l-okkażjoni, dan l-Isqof talab li taħt il-Kurċifiss jitpittru żewġ xbiħat: waħda tal-Madonna u l-oħra ta' San Ġwann. (7)

Relikwiji oħra

Kull isqof ġdid għandu x'joffrilna għall-istorja. Hekk għamel l-Isqof Vincenzo Labini meta ġie jżur il-Knisja Parrokkjali għall-ewwel darba, fl-ewwel Viżta Pastorali tiegħu li għamel nhar id-9 ta' Ġunju 1781. Insibu fir-relazzjoni ta' din il-Viżta li fuq dan l-artal, minbarra r-relikwija tal-"Vero Ligno", hemm ukoll relikwiji mis-Sagra Sindone, mill-Kolonna tal-Flaġellazzjoni u ta' l-Inkurunazzjoni, kif ukoll biċċa mill-maktur tal-Veronika. (8)

Festi fuq dan l-artal
Festa ta' l-Invenzjoni tas-Salib

Il-festa magħrufa bħala l-festa ta' l-Invenzjoni tas-Salib, jiġifieri meta Sant' Elena sabet is-Salib li fuqu ġie msallab Ġesù Kristu, ġiet imwaqqfa fil-Knisja Latina kollha mill-Papa Girgor XI fis-seklu XIV u ġiet stabbilita l-ġurnata tat-3 ta' Mejju biex tkun jum il-Festa. (9) L-ewwel festa ta' l-Invenzjoni tas-Salib fil-Knisja tagħna nsibuha msemmija li saret nhar it-3 ta' Mejju 1719. Din il-festa kienet tikkonsisti f'għasar kantat, quddiesa kantata u priedka. (10)

Aktar tard insibu li din il-festa bdiet issir b'mod aktar solenni u kienet toħroġ il-proċessjoni bir-relikwija tas-Salib taħt il-baldakkin.* Din il-festa baqgħet fil-Kalendarju sat-3 ta' Mejju 1960, iżda skond id-Digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti għall-Arċidjoċesi tagħna tat-8 ta' Awissu 1962, fejn issir is-solennita' esterna tal-festa tas-Salib (bħal Birkirkara) jistgħu jitkantaw il-Matutin u l-Lawdi tal-festa. Għalhekk insibu li mis-sena 1961 sas-sena 1971 it-3 ta' Mejju saret ġurnata ta' ferja, u mis-sena 1972 ġiet stabbilita bħala festa ta' l-Appostli San Filippu u San Ġakbu. (11)

Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes

Il-festa liturġika ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes kellha il-bidu f'Ġerusalemm fil-jum anniversarju tad-dedikazzjoni taż-żewġ bażilki mwaqqfin minn Kostantinu fuq il-Kalvarju (Martyrion) u fuq il-Qabar Imqaddes (Anastasi: Risurrezzjoni 13 u 14 ta' Settembru 335). Fil-Knisja tal-Lvant din il-festa kienet waħda mill-akbar. Mis-seklu sitta, Ruma u l-Knisja tal-Punent daħħlu din il-festa fil-Liturġija Rumana. (12)

Fil-Parroċċa tagħna l-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib bdiet issir sa minn meta sar l-artal tal-Kurċifiss, jiġifieri sa mill-14 ta' Settembru 1709. Aktar tard, fl-1719 insibu li din il-festa kienet issir, u li l-Prokuraturi Dun Bartilmew Zarb u Dun Dumink Tonna ħallsu 8 tari' għal din il-festa. (13) Insibu wkoll li fil-festa tal-14 ta' Settembru 1757, il-quddiesa kantata għamilha Dun Girgor Muscat u l-għasar għamlu l-Kappillan, Dun Alwiġ Dinè. (14)

‡ Il-ktieb nru. 3 tal-kontijiet jurina kif din il-festa ta' l-Invenzjoni tas-Salib bdiet issir b'aktar solennita' meta jgħidilna li meta fis-sena 1762 kienu prokuraturi ta' l-artal tal-Kurċifiss Dun Pietru Pawl Gatt u Dun Ġwann Battista Zarb, ħallsu liċ-ċelebrant, lill-Ministri, lill-organista, lil min għamel l-inċensier, lil-paniġerista, lis-sagristan għall-ħaxix (rand u klin).

Referenzi

1. COCCO PALMIERI D: Visit Past. fol. 251.
2. COCCO PALMIERI D: Visit. Past. fol. XIV.
3. CANAVES J.: Visit Past. Arkiv. Kurja.
4. GORI MANCINI G.: Visit. Past. fol. 385.
5. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit Past. fol. 727.
6. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 330.
7. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 727.
8. LABINI V.: Visit. Past. fol. 289.
9. DIZIONARIO DELL'ECCLESIASTICO VOL. I p. 776.
10. Lib. 25. vol. 117. Arkiv. Parr.
11. ORDO DIVINI OFFICII PERS. ANN. 1960, 1961, 1972.
12. EISENHOFER L.: Compendio Liturgico Mm. 179 p. 119.
13. Lib. 25. fol. 117. Ark. Parr.
14. Lib. Obblighi 1707 — 1785. Lib. 11.

IL-FESTA LI GHADDIET

Il-festa ta' Marija Santissma Annunzjata ta' din is-sena, li ġiet iċċelebrata bejn it-3 u l-10 ta' Lulju, għaddiet u marret bħall-festi ta' qabilha. Il-festa kienet verament denja ta' dan il-kbir misterju ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla. Tant hu hekk li ħalliet impressjoni tajba fil-pubbliku in ġenerali u minn fomm il-barranin ma tismax ħlief kliem ta' tifħir fuq il-festa li għamilna. Bosta u bosta kienu dawk li kkummentaw hekk dwar il-festa tagħna. X'festa kellhom Ħal Balzan! U kemm kellhom nar! Kumment tajjeb għax il-festa tagħna kienet verament suċċess billi kienet komplita minn kollox.

Din il-festa li dehret hekk kbira ma kellhiex wisq affarijiet aktar minn tas-snin ta' qabilha, għajr biss xi ftit tal-logħob tan-nar aktar minn tas-soltu, għax id-disa' baned li ħadu sehem fil-festa ta' din is-sena ilhom jieħdu sehem fil-festi ta' qabel. It-tiżjin tat-toroq hu dak tas-snin l-imgħoddija ħlief biss għaxar bandalori ġodda tat-trufej. Għal dak li hu tiżjin fil-knisja, din is-sena kellna parti mill-pittura fil-koppletta tal-kappellun tar-Rużarju u żewġ ventartali rrakkmati.

Naħseb li kulħadd jifhem li biex issir festa bħal dik li kellna jenħtieġ ħafna u ħafna preparazzjonijiet. Dawn kienu mwettqa minn bosta u bosta nies li jagħmlu dan ix-xogħol mingħajr ebda tama ta' ħlas. Biss dawn jagħmluh biex dejjem ikabbru l-festa ta' Marija Annunzjata, patruna tagħna l-Balzanin u l-għożża ta' kull min hu verament Balzani. Nibda biex ngħid li l-festa fil-knisja titlob ħafna xogħol, sew biex torganizza l-funzjonijiet li għalihom jieħu ħsieb il-Kanoniku Dun Karm Sciberras, il-maħbub Kappillan tagħna, u sew biex jintrama l-armar kollu li jżejjen il-knisja, li għalih hemm il-ħabrieki sagristan tagħna s-Sur Valentino Chetcuti, megħjun minn ftit ferm nies.

Niġu issa għat-tiżjin tal-knisja minn barra u t-tiżjin l-ieħor tal-maġġor parti tat-toroq tar-raħal tagħna. Għal dax-xogħol għandna ż-żewġ każini tal-festa, il-Każin tal-Banda San Gabriel u l-Każin Marija Annunzjata.

Għidtha kemm-il darba f'kitbiet oħra tiegħi li r-raħal tagħna għandu kull ma jenħtieġ biex issir il-festa, għax l-antenati tagħna kienu tant għaqlin li xtraw u għamlu dak kollu li hemm bżonn. Għalhekk ma jiġi nkarigat l-ebda kuntrattur biex jarma, la d-dawl elettriku u lanqas l-armar l-ieħor li jżejjen it-toroq tagħna u jagħti bixra ta' festa lil Ħal Balzan, raħal twelidna. Hawn nixtieq ngħid li, kieku ma kellniex dak kollu li għandna, l-ispejjeż għal dat-tiżjin kien jikber ferm aktar milli qed ikun fil-preżent. Biżżejjed wieħed jgħid li, li kieku kellna narmaw id-dawl elettriku bil-kuntrattur li jieħu 12ċ 5 għal kull lampa li tintrama, u l-knisja biss tieħu 'l fuq minn elfejn lampa, kieku wieħed jista' jimmaġina x'somma ta' flus konna rridu għalih. Dan minn barra x-xogħol ta' l-armar l-ieħor tat-taroq li jsir b'xejn mid-dilettanti taż-żewġ każini.

Issa jmiss li ngħid xi ħaġa fuq dawk li l-aktar jissagrifikaw ruħhom għall-festa. Dawn huma d-dilettanti tan-nar li jinsabu fil-Każin tal-Banda San Gabriel, li dis-sena aktar minn snin oħra tawna gost u taw pjaċir lil dawk il-Maltin kollha li ġew għall-festa tagħna minn kull rokna ta' Malta. Taw ukoll gost lil dawk it-turist li għoxew bil-logħob tan-nar li raw, sew ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art, li din is-sena kien ferm u ferm numeruż. Għal dawn id-dilettanti tan-nar żgur li ma għandniex kliem biżżejjed biex jagħtihom il-ġieħ li jistħoqqilhom. Kulħadd jifhem li dawn id-dilettanti barra li jissagrifikaw il-ħin liberu tagħhom u bwiethom ikunu jipperikolaw ħajjithom biex jagħtu pjaċir lilna l-Balzanin u lil ħaddieħor.

Nixtieq ngħid ukoll li dawn id-dilettanti, meta ma jkunux jaħdmu l-logħob tan-nar għall-festa tagħna, huma jkunu qed jaħdmu l-logħob tan-nar għal xi festa ta' raħal ieħor, u l-qligħ li huma jakkwistaw ma jixħtuhx fi bwiethom iżda jżiduh mal-ġbir tan-nar li jsir fir-raħal tagħna. Għan-nar ta' din is-sena, dawn ħarġu 'l fuq minn seba' mitt lira mix-xogħol li għamlu għal irħula oħra. Mhux ta' b'xejn li fir-raħal tagħna qed ikollna n-nar li qed ikollna, u dan hu dovut kollu għas-sagrifiċċju li qed jagħmlu dawn id-dilettanti tan-nar.

Jiddispjaċini ngħid li wara l-festa li għaddiet deher artikolu f'gazzetta lokali fejn il-kittieb ilmenta dwar il-ġbir li jsir fir-raħal tagħna. Biss jiena ċert li lil dan it-tali li qal li hu mdejjaq b'dan il-ġbir, ħadd ma obbligah jagħti bil-fors. Mill-banda l-oħra, persważ ukoll li dak li kiteb dak l-artikolu żgur li ma għandux jiġri fil-vini tiegħu l-veru demm Balzani għax kieku mhux talli ma kienx jilmenta imma kien japprezza s-sagrafiċċji li jsiru mid-dilettanti tal-festa huma min huma, li jagħmlu ħilithom kollha biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż biex issir festa kbira kif kellna din is-sena u fis-snin l-imgħoddija.

Nagħlaq billi nagħti prosit lil kull min ħadem għall-festa, sew ta' ġewwa u kemm ta' barra, u b'mod speċjali lid-dilettanti tan-nar. Nappella lill-veri Balzanin biex jibqgħu sħaħ f'din il-fehma u jaħdmu aktar biex dejjem ikabbru l-festa tagħna ta' Marija Annunzjata, u jiena żgur li Hi mis-sema titfa l-ħarsa ħelwa tagħha lejhom u tberikhom ilkoll. Viva Marija Annunzjata.

Valentino Muscat

MEDALJI OĦRA TAL-FIDDA GĦAS-SUR TONY FENECH

Bejn is-26 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju ta' din is-sena, fir-RAI AMSTERDAM CENTRI fl-Olanda, saret l-Amphilex 77 International Stamp Competition. Din il-kompetizzjoni nżammet taħt l-awspiċi tal-"Federation Internationale de Philatelie". Din kienet waħda mill-aqwa esebizzjonijiet li saru, sew għall-kwalità tal-materjal li kien esebit, kif ukoll għall-mod kif tmexxiet. Ta' min igħid li esibituri Maltin rebħu ħafna premjijiet, fosthom is-Sur Tony Fenech, wild Balzani, li rebaħ medalja tal-fidda għall-kollezzjoni tiegħu ta' "Rare Malta Covers" li tinkludi l-½d yellows, Registrations, Zeppelins u First Day Covers. Is-Sur Fenech ilu jieħu sehem f'kompetizzjonijiet ta' din ix-xorta, u bosta drabi ġie minn ta' quddiem u rebaħ premjijiet. Is-Sur Fenech jinteressa ruħu ħafna fil-filatelija. Huwa ferm attiv f'dan id-delizzju tiegħu. Hu assistent teżorier tal-Malta Philatelic Society u jieħu ħsieb il-bdil tal-bolli tal-membri ta' din is-soċjetà. Aħna nifirħulu minn qalbna u nixtiequlu aktar suċċess fil-ġejjieni.

COMBINED INDUSTRIES LIMITED

JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION
Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION
Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION
Telephone: 42027

MALTA ALUMINIUM LIMITED
Telephone: 42027

100, ST. ANTHONY STREET, LIJA, MALTA.
Cable Address: Jolica, Malta.

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

F'waħda mill-ġranet tal-vaganzi li għadhom kemm spiċċaw, wara l-ikla ta' nofs in-nhar imteddejt fis-sodda biex nistrieħ ftit. Fit-triq, taħt it-tieqa tiegħi, kien hemm xi ftit tfal jilagħbu l-ballun, li bdew igħajtu u jwerżqu kemm jifilħu. Il-ġirien ħarġu jsikktuhom iżda xejn ma taw każ tagħhom. Ġara li minflok ma striħajt aktar qomt għajjien, u żgur li bħali ġralhom il-ġirien.

Bosta minn dawn it-tfal kienu ta' nies puliti u ta' ċerta edukazzjoni. Iżda t-tfal ftit li xejn kienu edukati, jew kienu jaħsbu li l-edukazzjoni qiegħda biss filli tgħid 'grazzi' jew 'jekk jogħġbok'.

Għalhekk deherli li tkun ħaġa siewja ħafna li filkitba qasira tiegħi ta' kull xahrejn spiss insemmilkom dwar il-vera edukazzjoni.

Tfal, intom bħal ħaddieħor għandkom dritt li tilagħbu u tieħdu pjaċir. Iżda tagħmlu ħaġa wisq sabiħa li filwaqt li tilagħbu u tieħdu pjaċir, fl-istess ħin toqogħdu attenti li ma ddejqux lil ħaddieħor.

Xi tfal donnhom ma jafux jilagħbu jekk fl-istess ħin ma jgħajtux, ma jwerżqux jew ma jkissrux bosta ħġieġ jew sigar li jkun hemm madwarhom. Oħrajn li jkunu jilagħbu l-futbol f'nofs ta' triq lanqas biss ma jieqfu ftit meta jaraw għaddejja xi mara b'xi tarbija jew xi raġel jew mara xjuħ, avolja dawn stess jitolbuhom biex jieqfu ftit sakemm igħaddu.

Min hu tassew edukat issibu edukat f'kollox ukoll fil-logħob tiegħu. Ifittex mhux biss li jieħu gost hu, iżda wkoll li jagħti gost lill-oħrajn.

Għalhekk, għeżież tfal, tant meta tkunu fl-iskejjel tagħkom kemm meta tkunu d-dar, fittxu dejjem li l-logħob tagħkom ikun meqjus u li f'ċertu ħinijiet ta' mistrieħ ma tgħollux il-vuċi tagħkom b'mod li tisfrattaw il-mistrieħ ta' ħaddieħor.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa, ħsibna li nerġgħu nagħmlulkom anagramma oħra. Għal dawk li forsi nsew x'inhi anagramma sa nerġgħu ntukom id-definizzjoni tagħha. Anagramma tfisser kelma li minnha stess tista' ssir kelma oħra, jew aħjar tqalleb l-ittri ta' din il-kelma u ifforma kelma oħra. Eżempju: minn Ħaseb nagħmel AHSEB, SEBAH. Mela kull ma għandkom tagħmlu hu li toħorġu żewġ kelmiet biss minn kull waħda minn dawn: HATBA, LASTA, XIARBA, TIFEL. Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 5 ta' Novembru, 1977.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu: (1) Tarxien (2) Il-parroċċi l-oħra f'Malta li għandhom it-titular tagħhom il-Madonna huma 27.

Ir-Rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-ħarġa speċjali tal-festa hu Noel Cini li joqgħod 'Jostel', New Street in Main Street Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied Alla bil-Magħmudija

Angela Depasquale, bint Henry u Nancy.
David Tedesco, bin Wilfred u Carmen.
Charmaine Brincat, bint Louis u Mary.
Jonathan Bonnici, bin Carmel u Mariella.
Geoffrey Camilleri, bin Paul u Grace.
Fleur-Marie Borg, bint Guido u Jane.
Emmeline Camilleri, bint Joseph u Mary.
Kevin Joseph Ciantar, bin Anthony u Nathalie.
Joseph Portelli, bin Joseph u Yvonne.
Lawrence Grech, bin Joseph u Mary.
Daniella Pisani, bint Charles u Doris.
Tiziana Borg, bint Carmel u Pauline.
John Mallia, bin Saviour u Mary.
M. Victoria Said, bint Joseph u Antonia.

Iffurmaw familja ġdida fil-Parroċċa

Curt Lennart Karlsson u Nancy Pullicino.
Anthony Lia u Josette Blackman.

Ingħaqdu mal-familja tas-sema

Robbie Pace.
Anthony Bonaci.
Maria Falzon.
Annunziata Sammut.

IL-FESTA

• ikompli minn paġna 1

Kien hawn ukoll bintu l-oħra, is-sinjorina Carmen, li qalet li meta kienet il-knisja għall-funzjonijiet hi ħasset eċċitament speċjali meta semgħet dik il-mużika li tferraħ u meta ħarset lejn il-vara grazzjuża u sabiħa ta' l-Annunzjata. Kompliet tgħid li aħna l-Balzanin għandna knisja mżejna ferm sabiħ. Il-festi ta' barra għoġbuha ferm u ferm; iżda l-aktar ħaġa li laqtitha kienet il-proċessjoni bil-vara tal-Madonna li xtaqitha ma tispiċċa qatt. Hija qalet li l-vara tgħaxxaq kull fejn tgħaddi. Qalet ukoll li hija ħadet bosta films sew fil-knisja u anke fit-toroq, anke ta' murtali u nar ta' l-art, u saħansitra telgħet fil-kamra tan-nar u ffilmjat il-logħob kollu qabel inħaraq. Spiċċat tgħidilna li dawn il-films se turihom lil ħutha l-oħra li ma kellhomx ix-xorti li jiġu magħhom biex igawdu l-festa, u qalet li huma qegħdin jistennewhom bil-ħerqa.

George Vassallo

Emigrant ieħor li kien fostna din is-sena għall-festa ta' Marija Annunzjata kien is-Sur George Vassallo, żagħżugħ ta' 23 sena, li issa ilu nieqes minn Malta erba' snin u qed jgħix Londra. Huwa faħħar ħafna l-festa ta' din is-sena; qal li kienet festa organizzata tajjeb, u li donnha qed tikber u titjieb kull sena. In-nar kien mill-aħjar. Is-Sur Vassallo kellu kliem ta' apprezzament lejn il-festi tal-knisja billi dawn, qal, izommu l-ispirtu reliġjuż tal-festa Maltija; min-naħa l-oħra, huwa wera wkoll l-importanza tal-festa esterna, billi din hija karatteristika tagħna l-Maltin u għalhekk għandna ngħożżuha. Il-festi esterni, temm igħid is-Sur Vassallo, huma żvog u rikreazzjoni għall-poplu u t-turisti japprezzawhom ħafna. Meta huwa wera film bil-kulur tal-festa ta' Ħal Balzan barra minn Malta, dan intlaqa' tajjeb ferm..

DONAZZJONIJIET

Nick Bonello £M1; John Sammut 50c; Lawrence Attard £M1; N.N. £M3; Dr. Joseph Zammit M.D. 50c; Miss Phyllis Falzon £M1; Mr. Winston Zammit 50c; N.N. £M5; Mr. Ant. Borg u żewġ uliedu Miss Pauline u Miss Carmen £M5.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET

IMHADED

CUSHIONS U AFFARIJIET

OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)

Telephone: 36275/76

ITTRI LILL-EDITUR

IL-FESTA TITULARI TA' MARIJA ANNUNZJATA 1977

Sur Editur,

Issa li għaddiet il-festa b'wiċċ il-ġid, jiena bħala Segretarju tal-Każin Marija Annunzjata, inħossni fid-dmir li nirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex il-festa tagħna tirnexxi bħalma rnexxiet fl-imgħoddi.

Nibda biex nirringrazzja lill-President u l-membri sħabi tal-Kumitat, tax-xogħol li għamlu kemm matul is-sena kif ukoll fil-jiem tal-festa. Nirringrazzja wkoll lill-benefatturi kollha li għenuna fil-finanzi biex nilħqu mal-ispejjeż. Nirringrazzja linnisa tad-dar u żwieġhom talli ħadu paċenzja bija u bi sħabi li niġbru, peress li kull nhar ta' Ħadd konna mmorru ndejquhom u nħabbtulhom il-bieb, u dawn bid-daħqa fuq fommhom kienu jifthulna u j agħtuna dik ix-xi ħaġa għall-festa.

Nirringrazzja lil dawk iż-żgħażagħ kollha li bl-enerġija tagħhom magħqudin mal-ferħ tal-festa allegraw dawk il-marċi tal-baned ferrieħa li ferrħu r-raħal tagħna fil-jum tal-Ġimgħa, l-aħħar tat-tridu, is-Sibt lejlet il-festa, u b'mod speċjali l-Ħadd fil-marċ ta' fil-għodu, li anki l-ommijiet taż-żgħażagħ harġu mid-dar biex ma' wliedhom stess igawdu l-festa maħbuba tar-raħal. Nispiċċa biex nagħlaq irringrazzjament tiegħi billi nirringrazzja lill-Kumitati tal-Baned 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ, Santa Katerina taż-Żurrieq u Konti Ruġġieru tar-Rabat.

Fl-aħħarnett nagħti prosit lill-Kumitat tal-Każin San Gabriel għax-xogħol li għamel biex il-festa tirnexxi, u ma rridx ninsa nagħti prosit lid-dilettanti tannar li wara sena sagrifiċċju biex ħadmu dak ix-xogħol kollu jisthoqqilhom kull tifħir. Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nagħti prosit lil John Azzopardi li din is-sena kabbar il-festa billi wara li daħlet il-vara ħaraq in-nar tal-art li għamel hu stess. Prosit tassew, u nispera li sena oħra nagħmlu festa akbar ħalli nkabbru l-isem tar-raħal tagħna.

Grazzi u prosit lil kulħadd.

Charles Chetcuti
Segretarju,
Każin Marija Annunzjata.

Sur Editur,

F'isem sħabi tal-Kumitat tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel' nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor — bix-xogħol ta' l-id, jew bl-għajnuna finanzjarja — ħadmu biex jagħmlu l-festa li għaddiet suċċess bħal dawk ta' qabilha.

Ħafna jafu li s-suċċess ma jiġix waħdu iżda huwa l-frott ta' l-organizzazzjoni, tax-xogħol, ta' l-onestà u tas-sagrifiċċju. Issuċċess huwa wkoll frott l-għaqda ta' bejnietna — għaqda li fuqha nbnew is-sisien ta' dan il-każin u li minn dejjem ġiet imfaħħra mill-Balzanin kollha.

Nibda ejjew ningħaqdu u nibdew ix-xogħol biex bl-għajnuna ta' kulħadd nagħmlu l-festa ta' Marija Annunzjata 1978 suċċess ieħor. Grazzi u Prosit lil kulħadd.

Guido Borg
Segretarju Onor.
Każin San Gabriel

Sur Editur,

Nixtieqek, jekk jogħġbok, tippermettili ftit ta' l-ispazju fil-gazzetta tagħna "Ħal Balzan" sabiex nuri l-opinjoni sinċiera tiegħi dwar il-festa tar-raħal tagħna. Nibda biex ngħid mill-ewwel li l-festa tagħna kienet suċċess kbir, suċċess mistħoqq għall-ħidma ta' ħafna Balzanin.

Però f'kull ħaġa tajba dejjem hemm dak id-daqsxejn ħażin; u għalhekk nixtieq nikkritika ftit, għax forsi l-kritika tkun il-kawża li ħaġa tajba titjieb aktar. Irrid nibda biex insemmi dik id-daqsxejn emulazzjoni li teżisti bejn iż-żewġ każini li jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni tal-festa titulari. Din tinħass l-aktar il-Ġimgħa fil-għaxija, l-aħħar jum tat-tridu, meta fir-raħal ikollna żewġ baned, bir-riżultat li n-nies tar-raħal ikunu maqsumin, min mal-marċ ta' fuq u min mal-marċ t'isfel. Minbarra li qed nonfqu flus żejda, meta nistgħu nonfquhom fl-armar jew f'xi ħaġ'oħra, jien lili din il-ħaġa ma ddoqqlix.

Ħaġa oħra li nixtieq insemmi huwa d-diskors kommoventi u magħmul mill-qalb li nqara fuq iz-zuntier hi u dieħla l-vara. Biss l-apparat ta' 'loudspeaking' xejn ma kien adattat, hekk li dawk li kienu barra z-zuntier ma semgħu xejn jew, jekk semgħu, semgħuh bil-mod u mħawwad. Dan ġara fis-snin li għaddew ukoll u minkejja l-kritika li kienet saret xorta baqa' ma sar xejn.

Minkejja din il-kritika li għamilt, b'danakollu nħoss li kemm is-Sibt kif ukoll il-Ħadd in-nies li ġew Ħal Balzan kienu ferm aktar mis-sena l-oħra, u dan juri biċ-ċar li aktar ma mmorru l-festa tagħna aktar qed tieħu fama. Nixtieq minn qalbi nirringrazzja, nifraħ u ninkoraġġixxi lill-ħaddiema kollha tan-nar ta' l-art, kif ukoll tan-nar ta' l-ajru, li din is-sena kien ferm sodisfaċenti. Nifraħ u nkompli ninkoraġġixxi lil dawk li taw sehemhom f'dak li hu armar, kemm dak ta' ġewwa l-knisja kif ukoll ta' barra.

Fl-aħħarnett nifraħ lill-Balzanin kollha talli dis-sena l-festa spiċċat fuq nota pożittiva ferm. Filwaqt li nittama li għas-sena d-dieħla ssir xi ħaġa biex il-festa tkun aktar suċċess, nispiċċa billi nħeġġeġ lill-Balzanin kollha biex flimkien nitolbu 'l Marija Annunzjata biex tberikna lkoll u tixħet minn fuq il-barka tagħha fuqna l-Balzanin kollha.

Balzani.

IL-LUNZJATA T'GHAWDEX U L-KARMELITANI

Sur Editur,

Fit-tieni taqsima ta' l-artiklu tiegħu "Il-Knisja tal-Lunzjata fir-Rabat t'Għawdex" fil-ħarġa nru. 34, il-Kan. Dun Nikol Vella Apap igħid: "is-sinjura Sibilla kienet ħalliet kulma kellha f'Għawdex lill-Kunvent tal-Karmelitani ta' l-Imdina". Dan mhu veru xejn għax is-sinjura Sibilla qatt ma ħalliet xejn lill-Kunvent tal-Karmnu ta' l-Imdina. Dan jikkonfirmah il-kittieb stess meta jgħid: "Din is-sinjura mietet mingħajr werrieta u daħal werriet tagħha l-Gvern."

Fil-ħarġa nru. 35, il-Kav. Joseph Borg K.M., Ph.C., L.P. jagħmel xi riflessjonijiet ta' natura storika dwar dan l-istess artiklu. Igħid: "Dawn iż-żewġ knejjes... u mogħtija flimkien ma' ħafna għelieqi fil-qrib tagħhom lill-Patrijiet tal-Karmnu li huma kienu għadhom kemm ġagħlu jiġu hawn minn Sqallija f'dik issena stess (1370)". Aktar 'il quddiem igħid ukoll: "Dawn il-patrijiet Karmelitani qatt ma ħadu f'idejhom dil-knisja tal-Lunzjata t'Għawdex, però naturalment żammet il-għelieqi ta' magħha li ftit minnhom għadhom tagħhom sal-lum." Nibda biex ngħid li lill-Karmelitani qatt ma ġiet mogħtija l-knisja tal-Lunzjata t'Għawdex. Mela, la qatt setgħu jaċċettawha u lanqas jirrifjutawha.

Il-miġja t a l-Karmelitani f'Malta hija xort'oħra minn kif hija rrakkuntata fl-artiklu, u peress li hija storja twila nirreferi liż-żewġ kittieba u lil kull min hu nteressat fl-istorja vera għall-ktieb "L-Ewwel Karmelitani f'Malta u L-Ewwel Knisja u Kunvent tagħhom il-Lunzjata l-Qadima" 1418-1659, li tiegħu qed nibgħatlek kopja.

Saħħa.

Dejjem tiegħek,
P. Serafin Abela O. Carm

PROFILI BALZANIN — 7

KAN. SPIR SAMMUT



Il-Kan. Dun Spir Sammut twieled Ħal Balzan fis-26 ta' Ġunju, 1907, minn ġenituri Balzanin, l-iskultur Ġużeppi Sammut u Emmanuela nee' Demicoli.

Dun Spir studja fl-iskola primarja tal-Gvern, imbagħad beda jistudja l-iskultura, id-disinn, u l-mudell taħt il-Prof. Ant. Micallef fl-iskola ta' l-arti il-Belt. Sakemm kellu 32 sena kien għadu jaħdem ta' skultur fil-ġebel; f'daż-żmien ħadem diversi statwi u ornamenti ta' stilijiet differenti. Fost ix-xogħlijiet li ħadem f'diversi knejjes u vilel, insemmu fost l-oħrajn il-knisja kollha tas-Sacro Cuor u tan-Nazzarenu ta' tas-Sliema, u f'Ħal Balzan l-arma ta' Manduca fuq il-bieb tal-Villa Macedonia tal-Konti Manduca.

Ta' 16-il sena daħal il-M.U.S.E.U.M. fejn sar soċju, u wara laħaq superjur, u dam f'dil-kariga għal 10 snin, sakemm ġietu l-vokazzjoni għal saċerdot u beda l-istudji privati tiegħu fil-lingwi taħt il-Prof. Mons. E. Coleiro. Imbagħad daħal is-Seminarju ta' Malta. Wara tliet xhur, billi kien fi żmien il-gwerra, is-Seminarju waqa' bil-bombi u Dun Spir talab lil Mons. Gonzi biex jagħmel transfer għas-Seminarju t'Għawdex, u dan laqgħu bil-ferħa għall-kors teoloġiku ta' 4 snin. Fil-vaganzi ta' dan il-kors, Mons. Gonzi talbu biex jaħdem xi ħaġa ta' l-iskultura fis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex. Dan ix-xogħol ġie approvat mill-'British Institute of Culture' b'diploma u ktieb fuq l-arti.

Dun Spir ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1946. Kif laħaq Mons. Gonzi għamlu Prokuratur ta' San Mikiel u assistent ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Ħal Balzan. Bħala Assistent m'għamilx ħlief sentejn, imbagħad sar direttur spiritwali taż-żewġ presidja tal-'Legion of Mary' u għadu jokkupa dil-kariga sal-lum. Bħala prokuratur ta' San Mikiel ħadem u rsista kemm felaħ u siefer darbtejn f'Ortisei biex issir l-istatwa ta' San Mikiel bis-saħħa tal-benefatturi l-aħwa Falzon. Allavolja Dun Spir sar saċerdot hu m'abbandunax l-arti, tant li fil-knisja ta' Ħal Balzan għandu bosta tifkiriet. Hu kien ukoll membru tal-Kumitat tal-pittura. Rigward l-appostolat tiegħu, Mons. Arċisqof, fis-17 ta' Ottubru 1948, għamlu viċi-parroku fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt, u għamlu f'dil-kariga sa l-24 ta' Ottubru 1966. Fl-20 ta' Ottubru 1960 laħaq Kononiku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl. Fl-1961 laħaq prokuratur tal-Knisja u tal-festa ta' San Pawl u kien hu li ġab il-Banda 'San Gabriel' għall-ewwel darba l-Belt u għall-festa rrigalalha standard tal-Papa. Fl-ewwel ta' Jannar 1967, l-Isqof għamlu kappillan tal-Bon Pastur. Fl-1953 laħaq missjunarju fil-missjoni ż-żgħira u llum huwa l-assistent superjur tagħha. Huwa wkoll kappillan ta' l-Għaqda għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes u lu jokkupa dil-kariga għal iżjed minn 22 sena.